TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 479/11/GZ

**Carmelo Borg**

**vs**

**Mark Barbara**

Illum 22 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-17 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u tletin Ewro (€230.00)) rapprezentanti l-prezz li huwa hallas lill-intimat ghat-tiswija ta' 'fridge', liema 'fridge' baqghet bil-hsara minkejja tali tiswija.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

L-intimat kien mar isewwi l-'fridge' tar-rikorrent, gewwa r-residenza tieghu, fejn kien qallu li kien sewwiha, pero' ma kien sewwa xejn ghaliex l-imsemmija 'fridge' baqghet l-istess. L-intimat kien mar isewwi tali fridge ghat-tieni darba, u f'hin minnhom, ir-rikorrent sema' spluzjoni u meta staqsa lill-intimat x'kien gara, huwa rrisponda illi kien nfaqa' is-silg. Dan qatt ma seta' jkun, ghaliex il-'fridge' kienet ilha wieqfa jumejn.

Ir-rikorrent kien talab lill-agent tad-ditta 'Balay' sabiex jarawha, pero' kienu qalu lir-rikorrent illi ma kienux ser imissuha ghaliex kien fiha hafna tbabis. Ir-rikorrent kien imbaghad gab tekniku iehor, fejn dan it-tekniku kien qallu l-istess haga, u meta ccekjaha kien sab illi l-mutur li kien gie mwahhal mill-intimat originarjament, kien izjed qawwi milli suppost, u li l-ispluzjoni li kien sema' r-rikorrent kien mertu tal-fatt illi kien infaqa' l-'evaporator'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tac-'cheque' fl-ammont ta' mitejn u tletin Ewro (€230.00) u datat 13 ta' Mejju 2011, illi huwa hallas lill-intimat, li giet immarkata bhala Dok.CB1; kopja tar-'repair sheet', iffirmata mill-intimat u datata 13 ta' Mejju 2011, li giet immarkata bhala Dok.CB2; set ta' erbgha (4) ritratti li gew immarkati bhala Dok.CB3 sa Dok.CB5; flimkien ma' rapport li sar minn terza persuna, Mr Roderick Mangion, dwar il-hsara li kellha l-'fridge' in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.CB6.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte ta' l-intimat lejn ir-rikorrent, billi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi l-intimat naqas b'mod kbir fis-servizz tieghu lejn ir- rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn u tletin Ewro (€230.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**